MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Frar, 2011

Avviz Numru. 255/2010

**GO plc (C22334)**

**vs**

**Emily Muscat**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-15 ta’ Lulju 2010, fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma t’erbat elef, tmien mija w tnejn u sittin Ewro w sitta u ghoxrin centesmu (€4,862.26) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21805442, 21680377 u dawk televizivi numri 1425051775/6, 1425041619 u 1425041622, dana skond kif jidher mill-annessi prospetti mmarkati A, B, C u D.

Bl-ispejjez u drittijiet tal-prezenti, tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe' mis-16 ta' Gunju 2008, li min issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet lill-konvenuta **Emily Muscat** tixhed fis-seduta tal-15 ta' Frar 2011, u tghid li huwa minnu li hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub minnha fir-rikors promotur, pero' tghid li hija tghix bir-*relief* u ma tistax thallas dan il-kont. Tghid ukoll li hija kienet offriet lis-socjeta'attrici sabiex thallas id-debitu taghha permezz ta' agamenti mensli ta'hamsin Lira Maltin (LM50), pero' s-socjeta' attrici m'accettatx din il-proposta taghha. Qalet ukoll li hija ghamlet xi zmien fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, u f'dak iz-zmien kien hemm Sirjan jghix fil-post taghha w kien hu li ghamel xi telefonati minn fuq il-linja taghha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma t'erbat elef, tmien mija u tnejn u sittin Ewro u sitta u ghoxrin centesmu (€4,862.26) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi, w cioe' mis-16 ta' Gunju 2008 .**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------